Ittra
lill-Kommunità
Parrokkjali taż-Żejtun

10



*ħarġa speċjali*

# FESTA TA' SANTA KATARINA VERĠNI U MARTRI

Isma', Israel: Wieħed hu l-Mulej, il-Mulej Alla tagħna.
Ħobb, mela, lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha.
Żomm f'qalbek dawn it-twissijiet li jiena qiegħed nagħtik illum; għallimhom lil uliedek u kellimhom fuqhom,
sew meta tkun f'darek,
sew meta timxi barra fit-triq,
sew meta tkun se timtedd,
u sew meta tqum.

— **mill-Ktieb tad-Dewteronomju 6, 4-7**

## Messaġġ tal-Festa

# X'JISWA JEKK . . . ?

IL-ĠRAJJIET u l-okkażjonijiet kollha li ngħaddu minnhom, jekk ma jġibux xi bidla anki ċkejkna f'ħajjitna, jekk ma jressquniex mqar pass żgħir lejn Alla, jgħaddu u qishom qatt ma kienu. Forsi f'għajnejn in-nies ikollhom xi valur iżda quddiem Alla ma jkollhom ebda siwi.

IL-FESTI wkoll li niċċelebraw matul is-sena ma jiġux biex narmaw u nżejnu l-knisja u biex niddevertu ftit aktar mis-soltu u daqshekk. U dak li jgħodd għall-festi kollha jgħodd ukoll għall-festa tagħna prinċipali — dik ta' S. Katarina. X'jiswa t-taħbit kollu li ġġib magħha l-festa u l-organizzazjoni minn naħa ta' diversi nies u soċjetajiet jekk din il-festa ma tressaqniex aktar lejn Alla u ma ġġibx aktar għaqda fostna? X'jiswa jekk bierda konna u bierda bqajna?

X'FORZA l-eżempju tal-qaddisin! Nieħdu lil S. Katarina. Riedet tibqa verġni biex tikkonsagra ħajjitha kollha lil Alla u biex tħobbu aktar. U għaddiet mill-martirju biex tat l-aqwa prova ta' mħabbitha lejh. **Verġni** u **Martri:** żewġ kelmiet li jfissru ħafna għax iġibu fostna l-bnedmin il-ħajja tas-sema.

JALLA nżommu dejjem quddiem għajnejna qaddisin bħal din. Jalla l-festa tagħna tkompli ssaħħaħ fina l-imħabba tagħna lejn Alla u lejn xulxin. Nixteqilkom ilkoll il-festa t-tajba.

*L-ARĊIPRIET*

---

## Twaqqfet il-Kummissjoni Festa

Fil-parroċċa tagħna għandna diversi kummissjonijiet li qed jaħdmu f'oqsma differenti tal-ħajja pastorali u li jikkordinaw ix-xogħol li diġà kien qed isir mill-għaqdiet. Hekk per eż. il-Kummissjoni Kateketika u l-Kummissjoni Żgħażagħ.

Dan l-aħħar inħass il-bżonn li titwaqqaf il-Kummissjoni Festa. L-iskop kien li l-membri tagħha flimkien jorganizzaw l-attivitajiet tal-festa li qabel kien jieħu ħsiebhom l-Arċipriet. L-Arċipriet laqqa' din il-kummissjoni għall-ewwel darba f'Ġunju. Fil-laqgħat li saru s'issa tressqu diversi suġġerimenti li wħud minnhom setgħu jitwettqu din is-sena.

Il-membri li jiffurmaw din il-Kummissjoni ġew magħżula mill-arċipriet jew għax diġa kienu responsabbli ta' xi attivitajiet tal-festa jew għax jirrappreżentaw il-każini tal-festa. Il-membri huma dawn: John Pace u Jimmy Baldacchino (armar ta' barra), John Abela (armar ta' ġewwa — nar), Frankie Camilleri (ġbir festa), Alfons Degabriele (Każin tal-Banda Beland), Ġorġ Camilleri (Każin tal-Banda Zejtun) u Carmelo Schiavone (Ċirkolu S. Katarina).

Lil dawn in-nies u lil dawk ta' madwarhom nirringrazzjawhom mill-qalb tal-interess li jieħdu u tal-għajnuna li jagħtu.

# L-Arċipriet Degabriele 1932-82



50 sena ilu miet l-Arċipriet li ftaqar biex igħin lillfoqra taż-Żejtun. Quddiem is-sitwazzjoni ta' faqar kbir li ra madwaru fiż-Żejtun, is-saċerdot Lawrenz Degabriele ħa deċiżjoni importanti: iddeċieda li jibda jagħti lill-foqra KOLLOX, kull ma jdaħħal.

Kull min laħaq ħaj lil dan l-Arċipriet, kollha l-istess ħaġa jgħidulek fuqu — dejjem idejh fiż-żewġt ibwiet kbar li kellu biex jagħti lillfqar li jiġu fuqu kull ma jkun fihom. Kuljum, iżda l-iżjed nhar t'Erbgħa, serbut ta' nies kienet tkun tistennieh ħiereġ mill-knisja u jibqgħu sejrin warajh minn fejn il-fonti tal-magħmudija sal-aħħar tarġa taz-zuntier. U kien inewlilhom kull ma kien ikollu fil-but, mhux biss il-ħabbiet u t-tletiet.

Skond ma jixhed Wistin Cassar, li miet ftit xhur ilu, wieħed li rċieva l-għajnuna mingħand l-Arċipriet irrakkuntalu din il-praspura: rah barra wara l-Ave Maria u talbu l-għajnuna iżda b' kumbinazzjoni ma kellu xejn fil-but. Allura qallu biex imur jistennieh fil-bieb tal-Knisja. Wara ftit daħal grupp ta' nies ta' klassi għolja għal Magħmudija u l-Arċipriet daħal igħammed. Wara ħareġ fil-bieb u lil dak ir-raġel newwillu munita mgeżwra f'biċċa karta, bla ma lanqas biss qagħad jara x'kienet. Meta r-raġel mar id-dar, martu fetħet il-karta u tgħidx kemm inkwetat meta sabet li l-munita kienet...... lira tad-deheb. Flonesta tagħha dik il-mara bagħtet lil żewġha lura biha għand l-Arċipriet. Iżda l-Arċipriet bis-sempliċita kollha qallu: "Żommha! Xortik tajba! Kieku flok lira tawni sold, sold kont tieħu!"

Xhud ieħor tal-qalb kbira tal-Arċipriet Degabriele huwa l-Kanonku Dun Ġwann Vella, li għadu ħaj u li kien il-viċi-parroku tiegħu. Għall-Arċipriet żmien it-tberik tad-djar kien ifisser iżjed okkażżjoni oħra biex igħin lill-foqra milli biex idaħħal flus għalih. Kien hemm żoni sħaħ fiż-Żejtun fejn l-Arċipriet ma kienx jieħu flus mingħand il-familji li joqogħdu fihom għax kienu fqar ħafna. Iżda l-Arċipriet ma kienx kuntent li ma jeħdilhomx flus meta jidħol fi djarhom biex iberikhom. Lil dawn in-nies la ma jagħtuhx flus, l-Arċipriet kien jieħu ħsieb li jagħtihom hu minflok jagħtuh huma! Dun Ġwann sar jaf b'dan għax bħala viċi parroku kien mar ibierek id-djar darbtejn minflok l-Arċipriet meta dan inzerta ma jiflaħx. U lil Dun Ġwann l-Arċipriet tah direttiva waħda: "Fejn tidħol tbierek u ma jagħtukx flus, ħu ħsieb li ttihom int!"

Taħt il-kwadru tiegħu li hemm fis-sagristija hemm imniżżel li "tlett darbiet l-Arċisqof offrielu li jagħmlu

(jissokta f'paġna 9)

# Lejn Liturġija Aktar Ħajja u Sabiħa

— kotba ġodda tal-innijiet
— reflectors halogen għal iżjed dawl
— siġġijiet marbutin f'fillieri
— fans ġodda

Għandna knisja sabiħa ħafna u tesa' numru kbir ta' nies iżda kien jonqos li jsiru fiha ċerti arranġamenti — forsi affarijet żgħar żda importanti mhux ftit biex il-knisja tilqgħek aktar u biex issir aktar 'dar ta' talb'.

Diffikultà waħda kienet in-nuqqas ta' dawl. Kif tista' tħeġġeġ lin-nies biex jużaw il-missalin jew xi ktieb tal-kant jekk dawl m'hemmx biżżejjed? Ħadna parir u sibna sistema tajba ħafna. Fuq iċ-ċinta tal-knisja waħħalna reflectors 'halogen' li jagħtu dawl adattat ħafna għall-ambjent tal-post. Kellna ngħaddu wiring ġdid u b'kollox infaqna £M370 iżda r-riżultat kien sodisfaċenti ħafna.

Diffikultà oħra kienet id-diżordni u l-istorbju tas-siġġijiet. Kien ikun hemm ordni fil-knisja jew meta m'hemm xejn siġġijiet finnofs jew nhar ta' Sibt meta kienu jieħdu biċċa xogħol u jqegħduhom f'fillieri. Dehrilna li kien wasal iż-żmien li nirranġaw din il-ħaġa. U s-siġġijiet intrabtu flimkien. Għalkemm ix-xogħol ta' twaħħil sar minna, l-ispiża telgħet £M856. Iżda huma flus li ntefqu sewwa. L-ordni u s-skiet mhux lussu iżda bżonn għad-dar t'Alla.

Fil-bidu tas-sajf xtrajna fans ġodda għall-knisja kollha. L-ispiża kienet ta' £M490.

L-injam tal-kor li tant joħloq aspett sabiħ fil-knisja kellu bżonn min iduru dawra. L-art ġiet imsewwija u miksija b'tapit tal-vinyl. 'Il quddiem inkomplu nirrestawrawh.

Biex il-liturġija tkun aktar ħajja u biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem fil-kant stampajna numru ta' kotba ġodda tal-innijiet. Kienet inizjattiva mhix żgħira li saret flimkien ma' parroċċi oħra u swiet ħafna xogħol u spejjeż. Qed nittamaw li jintużaw tajjeb.

Għandhom jitlestew żewġ notice-boards biex jitqegħdu f'post fejn jidħru aktar, huma u deħlin in-nies il-knisja. Għandhom ikunu mezz tajjeb ta' komunikazzjoni.

Naturalment dejjem jonqos xi jsir, iżda bl-għajnuna tan-nies mexjin 'l quddiem. Li nixtiequ ħafna hi li l-quddiesa, speċjalment tal-Ħadd, tkun aktar sabiħa, tkun — kif sejħilha xi ħadd — il-mument solenni tal-ġimgħa tagħna.

---

## Quddiesa Kuljum għat-Tfal

Minn nhar it-Tnejn, 4 t'Ottubru, il-quddiesa tat-7.45 a.m. qed tkun organizzata apposta għat-tfal li wara jkunu se jibqgħu sejrin l-iskola. Iċ-ċelebrazzjoni qed tkun tiftiehem iżjed mit-tfal, iċ-ċelebrant bi kliem apposta jgħinhom jissieħbu fil-Quddiesa, ġeneralment jintużaw it-Talbiet Ewkaristiċi tat-tfal, żewġt itfal kuljum differenti jitilgħu jaqraw l-invokazzjonijiet fit-Talba tal-Fidili u f'ċerti okkażżjonijiet jingħataw santa sabiħa bħala inkoraġġiment. Hu ttamat li 'l quddiem it-tfal jintalbu wkoll iġibu magħhom offerti ta' ikel jew ħelu jew oġġetti għal tfal sħabhom fil-bżonn.

Hemm grupp ta' saċerdoti u lajċi, fosthom katekisti u għalliema, li qed jieħdu ħsieb din iċ-ċelebrazzjoni. L-attendenza tat-tfal qed tikber dejjem u bil-koperazzjoni tal-ġenituri wieħed jittama li jkollna kotra kbira tat-tfal qed jitgħallmu japprezzaw il-Quddiesa, iċ-ċentru tal-ħajja nisranija kollha.

## *Festa ta' Santa Katarina fil-Knisja ta' San Girgor*

L-Erbgħa: 24 ta' Novembru 1982: Lejlet il-Festa. 5.30 p.m. Traslazzjoni u Għasar. 6.00 p.m. Quddiesa minn Mons. Anton Pace. Jiehu sehem il-kor parrokkjali.

Il-Ħamis: 25 ta' Novembru 1982: Nhar il-Festa. 7.15 a.m. Quddiesa Solenni bil-Paniġierku minn Mons. Pantaleone Orland. Mużika mis-Surmast F. Diacono.

## Bukketti u Bandalori Ġodda

Fil-knisja din is-sena ser jiżżanżnu erba' bukketti tal-granutel għall-artal maġġur.

Għal barra hemm sett ġdid ta' bandalori għat-triq San Girgor miġbura minn Mrs. V. Formosa.

Nirringrazzjaw lil kull min għen biex saru dawn l-opri ġodda.



Dehra tal-knisja parrokkjali bis-siġġijiet marbutin f'fillieri.

## Sajf isbaħ għal grupp ta' inkapaċitati

Servizz ġdid ieħor li beda joffri l-istess Grupp Parrokkjali kien dak li beda jsir is-sajf li għadda — li jikri minibus u jieħu grupp ta' inkapaċitati żgħażagħ igħumu. Das-sajf irnexxielu jeħodhom tlett darbiet biss għax l-ideja tqanqlet daqsxejn tard iżda hu maħsub li sajf ieħor das-servizz jibda iżjed kmieni fl-istaġun. Magħhom dejjem marru grupp ta' ġuvintur u tfajliet oħrajn li qasmu magħhom il-gost tan-nofs ta' nhar.

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANTA KATARINA V.M. – 1982

## *FESTI TA' ĠEWWA*

**Il-Ħadd, 7 ta' Novembru:**
fil-11.00 a.m. Ħruġ tal-vara min-niċċa. Il-quddiesa toħroġ fl-10.30 a.m.

**It-Tnejn, 8 ta' Novembru:**
Ċelebrazzjoni għaż-żgħażagħ: Fis-6.00 p.m. Quddiesa minn Monsinjur Victor Grech.

**It-Tlieta, 9 ta' Novembru:**
Ċelebrazzjoni għall-Morda u l-Anzjani. Fis-6.00 p.m. Quddiesa minn Monsinjur Mikiel Azzopardi.

**L-Erbgħa, 10 ta' Novembru, l-Ewwel jum tat-Tridu:**
fil-5.30 p.m. Għasar bil-Malti: Quddiesa Kantata minn Dun Mario Tong, Kappillan ta' Marsaxlokk. Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Jippriedka Dun Anton Vella Arċipriet taż-Żurrieq.

**Il-Ħamis, 11 ta' Novembru, it-Tieni jum tat-Tridu:**
fil-5.30 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel. Iqaddes Dun Dione Cutajar, Kappillan ta' Ħal Tarxien.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Novembru, it-Tielet jum tat-Tridu:**
Fil-5.30 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel. Iqaddes Dun Pawl Buttigieg Kappillan ta' Birżebbuġa.

**Is-Sibt, 13 ta' Novembru, Lejlet il-Festa:**
fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata, Te Deum u Antifona. Jiffunzjona Monsinjur Pantaleone Orland.
fil-5.00 p.m. Traslazzjoni Solenni minn Monsinjur Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali. Għasar u Ċelebrazzjoni Ewkaristika minn Monsinjur Pawlu Pace.
fis-6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata mill-Arċipriet u l-Kleru tal-parroċċa.

**Il-Ħadd, 14 ta' Novembru, Jum il-Festa:**
Il-quddies tal-ħin ikun fil-5.00 a.m., 6.00 a.m., 7.00 a.m. u kif tispiċċa 'l quddiesa solenni.
fit-8.00 a.m. Quddiesa konċelebrata mmexxija minn Dun Anton Abela.
fit-8.45 a.m. Tifħir kantat ta' Sbiħ il-Jum.
fid-9.30 a.m. Quddiesa Pontifikali Solenni Konċelebrata mmexxija minn Mons. Pawlu Pace. Jagħmel il-paniġierku il-Kanonku Ġużeppi Bonnici.
fl-4.30 p.m. Għasar Solenni, Purċissjoni u Barka Sagramentali. Jiffunzjona Mons. P. Pace. Filgħaxija jkun hemm quddiesa fl-Oratorju fis-6.00 p.m.
Il-mużika tkun diretta mis-Surmast Frankie Diacono.

## *FESTI TA' BARRA*

**Il-Ħadd, 7 ta' Novembru:**
Wara l-ħruġ tal-Vara min-niċċa, jinħaraq salut, kaxxa infernali u murtaletti.

**Il-Ħamis, 11 ta' Novembru:**
fis-7.30 p.m. Marċ mill-Banda S. Ġużepp ta' Ħal Għaxaq.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Novembru:**
fis-7.30 p.m. Marċ miż-Żejtun Band mat-toroq prinċipali bl-istatwa tal-Każin.

**Is-Sibt, 13 ta' Novembru:**
fis-7.30 p.m. Marċi mill-Baned Żwieten Beland u Żejtun. Wara programmi mużikali. Il-Banda Beland iddoqq l-Innu ta' S. Katarina V.M. versi ta' Dun Mikiel Cassar u mużika tas-Surmast Karlu Diacono. Jieħu sehem il-kor parrokkjali mmexxi mill-Organista Joe Caruana. Il-Banda Zejtun iddoqq innu dedikat lil S. Katarina V.M. tas-Surmast Jos. M. Barbara u versi ta' Trevor Zahra. Jieħu sehem il-kor "La Stella" tal-Gudja mmexxi mis-Surmast A. Pace.
Waqt it-Te Deum ħruq ta' kaxxa infernali u murtaletti.
fil-5.00 p.m. fit-traslazzjoni, ħruq ta' salut, kaxxa infernali u murtaletti.
fid-9.30 p.m. Ħruq ta' beraq u murtali tal-kulur u kaxxa infernali.
fil-11.00 p.m. Logħob tan-Nar f'Misraħ Diċembru Tlettax maħdum minn J. Farrugia tal-Każin ta' Lourdes — Qrendi.

**Il-Ħadd, 14 ta' Novembru:**
fit-8.30 a.m. Marċ Brijuż miż-Zejtun Band.
fis-1.00 p.m. Marċ Brijuż mill-Banda Beland mat-toroq ewlenin taż-Żejtun.
Mill-4.30 p.m. Marċi u Programmi mill-Baned S. Katarina taż-Żurrieq, Prince of Wales tal-Birgu, La Stella tal-Gudja u Konti Ruġġieru tar-Rabat.
Fil-ħruġ tal-purċissjoni salut u kaxxa nfernali. Fit-8.30 p.m. ħruq tal-beraq u murtali tal-kulur. Fid-dħul ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur.

## *Il-Ftuħ tas-Sena Kateketika*

Kien ukoll nhar it-Tnejn, 4 t'Ottubru li beda mal-parroċċa kollha t-tagħlim tar-reliġjon għat-tfal li se jersqu għall-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma. Dakinhar filgħaxija saret għall-ewwel darba Quddiesa tal-Ftuħ tas-Sena Kateketika u fiha ħadu sehem il-ġenituri li applikaw biex uliedhom jersqu għaż-żewġ saġramenti u ngħata mill-Arċipriet il-mandat lill-katekisti li se jgħallmuhom.

Il-koperazzjoni kienet kbira kif xehdet l-attendenza ta' ħafna ġenituri li mlew il-knisja u taw lura l-formola tal-applikazzjoni lill-katekisti li ħarġu jiġbruha waqt l-offertorju.

Dil-Quddiesa swiet biex il-ġenituri jifhmu iżjed ir-responsabbilta tagħhom dwar l-edukazzjoni reliġjuża ta' wliedhom u japprezzaw aktar il-koperazzjoni ta' dawk l-irġiel u nisa, ġuvintur u tfajliet li qed jgħallmulhom lil uliedhom fil-klassijiet tad-duttrina.

## *Ftuħ ta' Ċentru għax-Xjuħ*

Fil-parroċċa tagħna għandna l-Grupp Parrokkjali ta' Ħidma Kommunitarja li jaħdem fost in-nies li jsibu rwieħhom fid-diffikultajiet. Fost il-ħidmiet li daħal għalihom dal-Grupp kien hemm il-ftuħ ta' Ċentru għax-Xjuħ biex ikollhom fejn jiltaqgħu flimkien.

Bi ftehim mas-Superjura tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù (tal-Ispirtu s-Santu), darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Ġimgħa, grupp ta' anzjani jiltaqgħu għal sagħtejn flimkien biex jitolbu, jilgħabu, jaħdmu xi ħaġa u jitkellmu xi ftit.

Hemm kummissjoni apposta biex tmexxi dan iċ-ċentru.

## KORS QASIR DWAR IL-BIBBJA

Il-parroċċa għandha l-pjaċir tħabbar il-bidu ta' servizz ġdid. Se tibda torganizza korsijiet qosra dwar il-Bibbja u argumenti oħra li jmissu mal-fidi għall-adulti.

Il-ħtieġa ta' korsijiet bħal dawn ilha tinħass minn ħafna nies. Mhux biss għax kiber sew it-taħwid tal-idejat u hawn min qed jitfixkel, iżda wkoll għax hawn għatx minn nies ta' rieda tajba biex isiru jafu l-messaġġ ta' Ġesù ħalli jgħixuh u jagħtu xhieda għalih fil-ħajja ta' kuljum.

Il-parroċċa ser torganizza tul l-Avvent u r-Randan ta' kull sena KORSIJIET QOSRA biex tissodisfa dan il-bżonn. Il-korsijiet isiru għall-kbar u biex wieħed jattendi għalihom irid japplika fl-Uffiċċju Parrokkjali malli joħroġ l-avviż. Il-għadd ta' dawk li jattendu ser jinżamm baxx biex ikun jista' jinżamm djalogu bejn in-nies u l-kelliema tal-kors.

Fl-Avvent li ġej se jibda KORS fil-21 ta' Novembru u jintemm fid-19 ta' Diċembru — ikun jikkonsisti f'erba' laqgħat ta' sagħtejn kull waħda, b'laqgħa darba fil-ġimgħa. Il-jum u l-ħin għad iridu jitħabbru.

Dal-KORS se jsir dwar IL-VANĠELU TA' SAN MATTEW u se jtih DUN ANTON ABELA, li speċjalizza fl-Iskrittura. Il-kelliemi se jipprova juri min kien l-awtur, għal liema kommunita nisranija kiteb u x'kien il-messaġġ li xtaq iwassal.

Barra t-taħdidiet il-KORS se jkollu inizjattivi oħra li jirrenduh interessanti u sabiħ.

# Servizz ta' Letteratura fil-knisja parrokkjali



Dis-sena s-Servizz ta' Letteratura fil-knisja parrokkjali qabad sewwa u l-bejgħ ta' kotba u pubblikazzjonijiet reliġjużi oħra sejjer tajjeb.

Permezz tal-interess li jieħdu s-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù, kull ktieb bil-Malti li joħroġ ġdid malajr jiżdied mal-kotba l-oħra bil-Malti u bl-Ingliż li hemm għall-bejgħ.

B'dan il-mod il-qari ta' kotba spiritwali qed jinfirex ġmielu fost in-nies tal-parroċċa.

## L-Arċipriet Degabriele

*(jissokta minn paġna 3)*

Monsinjur u hu irrofta". Kelinu Tabone, imlaqqam "Ta' Sagranobis", darba staqsa lill-Arċipriet kif qatt ma sar monsinjur u l-Arċipriet wieġbu hekk: "X'immur nagħmel Monsinjur tal-Kattidral. Mela jiena għandi l-flus biex nixtri l-mitra u l-ħwejjeġ l-oħra meħtieġa?"

Meta miet, l-Arċipriet Degabriele lanqas biex isirlu l-funeral ma ħalla flus. Dun Ġwann Vella u Dun Ċesarin Attard ftehmu bejniethom u ħarġu jiġbrulu fost il-poplu. U l-poplu wieġeb billi għamillu funeral mill-aqwa, bl-aqwa quddiesa tas-Surmast Diacono, li personalment ma ħa xejn tas-servizzi tiegħu. Mill-flus li nġabru, iż-żewġ saċerdoti ħasbu biex igħaddu parti minnhom lill-foqra, fl-ispirtu tal-Arċipriet il-mejjet, u għaġnu nofs kamra ħobż biex jitqassam b'xejn lill-foqra.

Għalhekk kienet xierqa t-tifkira li għamlitlu l-parroċċa tagħna nhar is-Sibt, 30 t'Ottubru filgħaxija.

# VETRINA ŻEJTUN

## VANDAN CONFECTIONERY

Shop: 29, Pjazza Girgor Bonnici. Bakery: 14, Triq il-Kostituzzjoni.

Tel: 878670

## A. MERCIECA

Nixtiequ navżaw lill-klijenti tagħna li matul ix-xahar ta' Novembru ser nagħtu skont ta' 10%. **Triq il-Ħaddara, Żejtun. Tel: 75519**

## CASSIA

**CHANDELIERS, FURNITURE & HOUSEHOLD GIFTS**

11, Barrani Road, Bir-id-Deheb. Tel: 878457

## RAYLIN Aluminium

**Architectural Apertures, Sliding Doors, Windows, Louvers and Shopfronts.**

**Factory:** 25th November Street, Zejtun. **Tel: 808691**

## GATT BROS.

**IRONMONGERY, WHOLESALE & RETAIL**

**"Lyvia", Triq S. Katarina, Żejtun. Tel: 882069**

Fejn issibu Belgian glass, electrical and water fittings, bathroom appliances, etc.

## PAJKA BLACKSMITH

**ĦADID U FERRO BATTUTO**

105, St. Mary Street,
Zejtun. Phone 803133

## ROGER'S BAKERY

**Roger D'Emmanuele, Triq il-Kanonku De Domenico, Żejtun.**

## BUHAGIAR'S

89, Triq Santa Katarina. Tel: 878497

**LADIES, GENTS & CHILDREN'S WEAR**

## FARRUGIA LINO STORE

(Sale Speċjali)

**23, Mater Boni Consilii Street, Zejtun. Tel: 87680**

**Javża li l-ħanut ser jingħalaq sa l-aħħar tas-sena** u għalhekk qed jagħmel **SALE SPEĊJALI** fejn issibu tixtru linef, brazzi, fanali tal-bronż iggarantiti u ċeramika

---

## ĊENSINA STORE

(TA' ĠELARDA)

**PJAZZA STA. MARIJA**

Fejn issibu tixtru l-bżonnijiet kollha għall-Indafa u l-Kċina

---

## CASSAR STORE

18, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Żejtun. **Tel: 878319**

Fejn issibu **WASHING MACHINES VELOMATIC, FRIDGES INDESIT, COOKERS CANDY U RIGALI UTLI GĦAD-DAR.**

---

## ZJOGA

Prop.: S. J. SAID

**Bathroom, Electrical & Plumming Ironmongery (Power Tools), Hardware.**

Tel: 878526

---

## E. GALEA STORE

**12, Pjazza Santa Marija. Tel: 871196**

Importatur ta' Linef u Brazzi, Ċeramika, Kmamar tas-Sodda, Salotti, Kmamar tal-Ikel, Sottospekkji u kull xorta ta' affarijiet għad-dar.

---

## AMADEO SELF-SERVICE

**Housing Estate, Zejtun. Tel: 878644**

---

## AMADEO SELF-SERVICE

**41, St. Gregory Street, Zejtun. Tel: 878644**

---

## J. BROWNRIGG INSTALLATIONS CO. LTD.

**Palazzi Street, Zejtun. Tel: 878412**

---

## TABAR STORE

**Joe Bartolo, 34-35, Triq San Girgor. Tel: 882032/878582**

Importaturi tal-kmamar tal-banju u madum dekorattiv tal-ħajt u art taċ-ċeramika.

## J. MONTEBELLO LTD.

Importaturi ta' Għodod, Ħġieġ, Żebgħa u materjal ieħor
għall-bini tad-djar.

**8, Misraħ Diċembru Tlettax. Tel: 882047**

---

## ĠENWIŻA CONFECTIONERY

JOS. BONNICI

25, Triq il-Madonna tad-Duluri, Żejtun. Tel: 882054

---

## GRACE

**LADIES, GENTS & CHILDREN'S WEAR**

34, Pjazza Girgor Bonnici. Tel: 75574

**L-Aqwa u l-Orħos**

---

## MONTEBELLO

**14, TRIQ IL-MADONNA TAL-BON KUNSILL**

Sub-Agent ta' Philips fiż-Żejtun

Issibu wkoll Xogħol ta' Stainless Steel, Kristall u Rigali Silver Plated

---

## FOTOGRAFIJA MIFSUD

JOSEPH MIFSUD

70, Pjazza Maġġura. Tel: 882002

---

## CAMILLERI MARBLE WORKS LTD

**Tarxien Road, Gudja.**

(Ħdejn Dalli Concrete Plant)

**GĦAL KULL XOGĦOL TA' RĦAM, MONUMENTI, TURĠIEN, EĊĊ.**

---

## JOSEPH FERRIGGI

"St. Catherine", Triq John Borg, Żejtun. Tel: 878439

**Għal kull xorta ta' ħbula tal-pont, ħbula tan-nylon, spag ta' kull kwalita u qies, qanneb, nylon tal-basktijiet, lenza kull qies, cord braided (blinds) u Macrame twines, eċċ.**


Veritas Press — Zabbar.